# Stqarrija għall-istampa

5 ta' Novembru 2010

Suġġett: *Użu tal-Blue Sticker*

Bil-ħsieb li l-persuni b'diżabilita' jgħixu ħajja aktar indipendenti u biex igawdu minn opportunitajiet indaqs, il-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Dizabilita' (KNPD) tixtieq tiġbed l-attenzjoni tal-pubbliku li skont kif stipulat fil-Liġi Sussiddjarja LS 363.80 (Skemi ta' pparkjar kontrollat - residenzjali u kummercjali), il-Blue Sticker maħruġa mill-KNPD jew kull sinjal ieħor li jkun rikonoxxut internazzjonalment u li jkun jindika li hemm xi diżabilita', għandhom jitqiesu bħala ekwivalenti għal permess ta' residenti.

Dan ifisser li persuni li għandhom il-Blue Sticker għandhom id-dritt li jħallu l-vettura tagħhom fuq parkeġġi li normalment jintużaw mir-residenti tal-lokalita'.

Il-KNPD tieħu l-opportunita' biex tfakkar dwar l-importanza li vettura li titħalla fuq parkeġġ riservat tal-persuni b'dizabilita' (li jkollu s-sinjali sofor) u fuq parkeġġ tar-residenti għandu jkollha Blue Sticker valida fuq il-*windscreen* tal-karozza u li tkun tidher. Il-Blue Sticker għandha tintuża' biss meta l-persuna b'diżabilita' qed issuq jew tkun passiġġier fil-vettura, u għandha tkun tidher b'mod ċar. Barra minn hekk, l-uffiċjali awtorizzati jistgħu jiċċekkjaw li l-identita' ta' min għandu l-Blue Sticker billi jirreferu għan-naħa ta' wara tal-iSticker li turi r-ritratt u dettalji tal-persuna b'diżabilita'.

Il-KNPD tfakkar li l-iskema ta' pparkjar kontrollat għandha tintuza bl-akbar sens ta' responsabilita'. Wieħed għandu jipparkja għall-iqsar zmien possibbli, kemm jinqeda. Ħadd ma għandu jħalli l-karozza tiegħu pparkjata f'dawn il-postijiet għal ħinijiet twal.

Fl-aħħarnett, wara ħrug ta' regolamenti ġodda minn Transport Malta, il-KNPD tixtieq tinforma lill-pubbliku li parkeġġi riservati quddiem residenzi privati għandhom jintużaw biss minn persuni l-Blue Sticker li jgħixu f'dik ir-residenza.